**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 609/2018**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**(Spettur Colin Sheldon**

**-Vs-**

**CHRISTOPHER EL SHOUSHANI**

**Illum, 12 ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **CHRISTOPHER EL SHOUSHANI** ta' 43 sena, bin Mohamed Nagib u Bartholomea nee' Agius, imwieled Pieta' fit-28 ta' Mejju, 1975, residenti Plymount, Flat 4, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, akkużat talli nhar is-16 ta' Settembru 2018 għall-ħabt tas-2.30 p.m., ġewwa l-fond Yorskshire fi Triq Testaferrata, Ta' Xbiex:-

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn, tlett mija u disa' u

għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), u bil-lok, liema serq sar għad-dannu ta' Ritianne Cardona u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

2. Aktar talli bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Ritianne Cardona, kontro l-volonta' tagħha, liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra;

3. Aktar talli filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, limitazzjoni t'arma tan-nar jew limitazzjoni t'arma regolari;

Akkużat ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, fis-16 ta' Settembru, 2018 u/jew fix-xhur ta' qabel:

4. Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Finalment, akkużat ukoll, talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50, tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta.

Semghet lill-Prosekuturi jaqraw l-akkużi u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti;

Semgħet lill-imputat waqt is-seduta tas-16 ta' Diċembru 2024 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi kollha;

Semgħet lill-imputat jikkonferma din l-ammissjoni tal-ħtija anke wara li hija wissietu solennement dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Diċembru 2024 fejn laqgħat it-talba tad-difiża u ordnat li jinħatar Uffiċjal tal-Probation sabiex jitħejja rapport ta' qabel is-sentenza a tenur tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda ta' Julia Farrugia, l-Uffiċjal tal-Probation u rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza ppreżentata minnha (Dok. JF1);

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li tirrimetti ruħha għar-rakkomandazzjonijiet li għamlet l-Uffiċjal tal-Probation fir-rapport ta' qabel is-sentenza;;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati li qiegħda jinstab ħati tagħhom l-imputat, partikolarment ir-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza, il-fedina penali pjuttost oneruża tal-imputat.

Fuq kollox qieset il-kontenut tar-rapport ta' qabel is-sentenza u x-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation li rakkomandat li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation. Minn eżami tar-rapport il-Qorti fehmet illi l-imputat kellu trobbija difficli u qabad il-vizzju tad-droga kokaina meta kien għadu pjuttost żgħir u dan huwa rifless fil-fedina penali tiegħu. Huwa evidenti li jeħtieġ li l-imputat jingħata l-għajnuna biex jegħleb dan il-vizzju u fil-fatt filwaqt li jammetti li għadu f'xi okkażjonjiet jabbuża mill-kokaina, stqarr ukoll li għamel kuntatt mal-Aġenzija Sedqa biex jibda jindirizza l-problema. Kemm hu hekk, l-aħħar kampjun li ħalla għal testjar irriżulta fin-negattiv għal sustanzi illeċiti. Jidher ukoll li l-imputat dejjem ħadem b'mod regolari għalkemm bħalissa jinsab bejn impiegi u għaddej minn perijodu ta' instabbilita' fejn minħabba diffikoltajiet finanzjarji kellu wkoll jitlaq mill-appartament fejn kien qed jgħix.

Kollox magħdud, il-Qorti fehmet illi l-imputat għandu bżonn għajnuna biex ikompli jindirizza l-vizzju tad-droga kif ukoll biex jiffoka fuq aspetti pożittivi bħall-opportunita' ta' impieg prospettiv li jidher li għandu u dan billi jkollu gwida u superviżjoni li jistgħu jgħinuh biex jegħleb l-isfidi li għandu u biex jorganizza u jistabbilizza ħajtu b'mod li jibqa' 'l bogħod mid-droga li evidentement, huwa l-kaġun tal-passat kriminali tiegħu. Fir-rigward, il-Qorti tosserva li mill-fedina penali jirriżulta illi l-aħħar reat li l-imputat ġie kundannat li wettaq, kien lura fl-2011 u dan huwa indikattiv ferm ta' progress talanqas mil-lat tal-kondotta tal-imputat b'mod ġenerali.

Il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi, ma tqisx li piena karċerarja f'dan l-istadju tkun waħda xierqa u temmen li ma għandhiex ittellef lill-imputat mill-progress li jidher li qed jagħmel inkluż mill-aspett tal-konsum tad-droga fejn bi ftit iktar sforz u impenn u b'għajnuna strutturata u professjonali, jista' jikkonsolida l-progress li laħaq għamel u jevita li jerġa' jirkorri għall-kriminalita'. Sejra għaldaqstant tagħtih l-aħħar opportunita' biex

jislet il-benefiċċju sħiħ ta' sanzjoni fil-komunita' permezz tas-superviżjoni ta' Uffiċjal tal-Probation.

Billi għalhekk il-Qorti hi sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn uffiċjal tal-probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-ħati u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż il-karattru tal-ħati, il-ħruġ ta' Ordni ta' Probation ikun adatt, sejra tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi.

Dan minkejja d-dispożizzjonjiet tal-artikolu 61 tal-Att dwar l-Armi li jeskludu l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation għal reati taħt l-Att dwar l-Armi, il-għaliex fil-każ in diżamina, b'żieda mal-applikazzjoni tad-dispożizzjonjiet tal-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, jirriżulta illi l-istess att, konsistenti fil-ġarr ta' arma tan-nar jew arma regolari jew imitazzjoni ta' dawk l-armi waqt li jkun qed jiġi kommess reat kontra l-persuna u jew ir-reat ta' serq, ta lok għall-ksur ta' iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi, ċioe' ksur tal-artikolu 55 tal-Att dwar l-Armi kif ukoll il-ksur tal-artikoli 86, 87, 262 u 275 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li indubbjament huwa r-reat ta' serq aggravata bil-vjolenza, lok u valur. Madanakollu, għandha tingħata l-piena taħt l-artikolu 51(7) tal-Att dwar l-Armi għall-ġarr barra minn xi fond ta' xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenza, ċioe' r-reat taħt l-artikolu 6 tal-Kap. 480 għaliex dan ma jirrientrax fl-iskop tal-prinċipju tal-konkorrenza ideoloġika fuq imsemmi.

**Għal dawn il-motivi kollha, wara li rat l-artikoli 20, 31, 49, 50, 86, 87(1)(e), 261(a)(c)(e), 262(1)(a)(b)(2), 267, 269(g), 275, 277(a), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Att dwar l-Armi, Kapitou 480 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lil CHRISTOPHER EL SHOUSHANI ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) in kwantu r-raba' imputazzjoni iżda għall-bqija, bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Att dwar**

**il-pProbation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali u l-ħati esprima r-rieda tiegħu li jikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma komplessiva ta' elf mija u sitta u għoxrin Euro u sittin ċenteżmu (€1,126.60), rappreżentanti l-ispejjeż li ġew imħallsin lill-esperti u l-periti maħturin fil-proċeduri u fil-proces-verbal tal-Inkjesta[1], fi żmien sena, u tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu konjizzjoni ta' din l-ordni.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation jintbagħtu lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Probation u Parole għall-fini tal-artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[1] Dr. Martin Bajda - €566.40; Joseph M. Azzopardi - €485.30; PC 405 (SOCO) - €74.90.